BIRGU
Citta` Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office** - Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
**Front Office** – Auberge d'Angleterre, Triq il-Majjistral., Birgu BRG 1270 Tel/Fax: 21802707
e.mail : birgu.lc@gov.mt website : www.birgu.gov.mt

7 ta' Lulju, 2010

## Minuti tal-laqgha 47(05)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal-laqgha numru 47(05) fil-Berga ta' Franza nhar l-Erbgha 18 ta' Awwissu, 2010 fil-5:45 ta' filghaxija.

### Prezenti

Is-Sur John Boxall - Sindku, s-Sur Christopher Cassar – Vici Sindku, u s-Sinjura Judith Saliba – Kunsilliera

Il-Kunsillier Ivan Peresso, kien skuzat minhabba ragunijiet ta' xoghol
Il-Kunsilliera Mirian Grech kienet skuzata, minhabba ragunijiet ta' sahha.

### Talba

Is-Sindku, s-Sur John Boxall qal it-talba u ta bidu ghal-laqgha.

### 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-laqgha 46(05) ittiehdu bhala moqrija.

1.1 Item 1.3 (46/05) – Fondazzjoni Tyr.

Is-Sindku s-sur John Boxall, qal li l-Kunsill Lokali tal-Birgu qed jistenna iktar zvillupi dwar is-shubija tal-Kunsill f'din il-Fondazzjoni.



John Boxall - Sindku, Christopher Cassar - Vici Sindku,
Miriam Grech – Kunsilliera, Ivan Peresso – Kunsillier, Judith Saliba - Kunsilliera
Christine Bonello – Segretarja Ezekuttiva

1.2 Item 1.3(46/05) Zjara ufficjali ta' l-Onor. Dr. Chris Said

Is-Sur John Boxall, Sindku, qal li z-zjara ufficjali ta' l-Onor. Dr. Chris Said giet posposta u l-Kunsill ser jigi nfurmat aktar–il quddiem bil-gurnata meta din iz-zjara ser issir. Is-Sindku heggeg lil Kunsilliera sabiex ikunu prezenti ghal din il-laqgha.

1.3 Item 2.2(46/05) Il-Progett "SECRET"

Is-Sindku, s-sur John Boxall, tah rendikont tal-*kick off meeting* tal-progett "SECRET" li hu flimkien mas-Segretarja Ezekuttiva, attendew ghalih gewwa l-Belt ta' Agria fil-Grecja. Is-Sindku sostna li dan il-progett huwa wiehed zghir u ssugerixxa sabiex dan il-progett tiehu hsiebu s-sinjura Moira Azzopardi, fejn tasistiha, s-Segretarja Ezekuttiva. Is-Sindku zied jghid li l-laqgha li jmis ser issir gewwa l-Belt ta' Limbazi fil-Latvia bejn is-17 u d-19 ta' Settembru,2010 u ghaldaqstant issugerixxa sabiex ghalih jattendi hu flimkien mas-sinjura Azzopardi. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Hawnhekk is-Sindku pprezenta kopja ta' l-applikazzjoni ghal fond ta' ko-finanzjament fi hdan id-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

1.4 Item 2.5 (46/05) Premju Zghazugh tas-Sena 2010

Is-Sindku, qal li bhalissa qedha tigi ppreparata n-nominazzjoni ghal Premju Zghazugh tas-Sena 2010, fi hdan l-Fondazzjoni OASI.

1.5 Item 3(46/05) Sitwazzjoni tal-Gnien Pubbliku Fuq tal-Hawli

Is-Sindku tah rendikont tax-xoghlijiet pendent u tad-diskussjoni li kellhu mal-perit reponsabli ma' dan il-progett il-Perit Duncan Mifsud, u l-MEPA.

1.6 Item 4 (46/05) L-attivita tal-BirguFest 2010

Is-sur John Boxall, Sindku, tah rendikont tal-preparamenti li qeghdin isiru inkonessjoni ma' l-attivita tal-BirguFest 2010.Hawnhekk, is-Sindku pprezenta kopja ta' l-ewwel *draft* tal-poster ghal din l-attivita ghas-suggerimenti tal-Kunsilliera prezenti. Wara diskussjoni gie ssuggerit li jsiru t-tibdiliet mehtiega. Is-Sindku pprezenta ukoll l-biros bhala *promotional material,* li gew mghotija mil-kumpanija EuroClean Ltd. Is-Sindku zied jghid li l-kumpanija Lia Brothers Rock Cut ltd., ser tghin lil Kunsill billi ghamlet basktijiet u zewgt billboards ghal din l-attivita.

1.7 Item 6 (46/05) L-izvillup taz-zona maghrufa bhala l-Glaziz

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti, li permezz tal-haddiema assenjat mal-Kunsill mil-IPSL u l-ETC, nbeda x-xoghlijiet ta' tindif f'din iz-zona. Barra min hekk is-Sindku zied jghid li l-istess Kunsill ser jibbenifika mil-iskema Premju Lokalitajiet Indaf, fejn il-Kunsill ser jinghata sa € 1000 ghal inizjattiva li ha ghat-tindif ta' din iz-zona.

1.8 <u>Item 7 (46/05) Decizjoni dwar it-tender ghax-xiri u installazjoni ta' generator ghal Berga ta' Franza</u>

Is-Sindku, s-sur John Boxall qal li din id-decizjoni ghada pendent peress li l-MEPA ghada ma tatx l-permess lil Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex jinstall l-generator fuq il-bejt tal-Berga ta' Franza, peress li fl-opinjoni tagha, l-generator propost huwa kbir.

## 2. <u>Korrispondenza</u>

2.1 Is-Sindku, s-sur John Boxall, ipprezenta ittra minghand is-Sur James Catania, fejn informa lil Kunsill li minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja prezenti, t-talba tal-Kunsill sabiex jimpjega handyman fuq bazi part-time ma tistax tigi approvata.

2.2 Is-Sindku, nforma lil Kunsilliera prezenti li waqt laqgha flimkien ma' rapprezentat ta' l-Onor. Segretarju Parlamentari Jason Azzopardi, gie diskuss sabiex l-*open space* fuq il-bini ta' l-appartamenti ta' Forti Sant'Anglu, jigi fir-responsabilta tal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Is-Sindku zied jghid ghadhom ghaddejin id-diskussjonijiet, biss il-Kunsill issostni li jekk din l-area ser taqa' f'idejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu, l-istess Kunsill irid ikollhu l-finanzjament ghaliha. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.3 Is-Sindku pprezenta email minghand is-sur Mark Causon, sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jippartecipa fi progett ko-finanzjat mil-Unjoni Ewropea, l-progett CreArt, taht il-programm Kultura. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jippartecipa f'dan il-progett. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.4 Is-sur John Boxall, Sindku, nforma lil Kunsilliera prezenti bl-iskema mahruga mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dik tal-Public Private Partnership, il-Kunsill Lokali tal-Birgu ser jaghmel tlett toroq principali bi resurfacing, dawn it-toroq huma Triq La Vallette, Triq il-Palazz l-Antik tal-Gvernatur u Triq San Filippu.

2.5 Is-Sindku pprezenta ittra minghand l-Onor. Dr. Mario de Marco,fejn informa lil Kunsill li b'dispjacir is-Segretarjat Parlamentari ghat-Turizmu ma' jistax jilqa t-talba tal-Kunsill sabiex tinghata l-ghajnuna necessarja biex fil-lokalita tal-Birgu titella' l-esebizzjoni tal-Mosaic minn Ravenna.

2.6 Is-Sindku pprezenta ittra mibghuta mis-sur Remco Slik, fejn gie avvicinat mil-kumpanija "Cambridge Professional Development Ltd", fejn xtaqu li jsir network ta' bliet storici madwar l-Ewropa. Is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jippartecipa u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.7 Is-Sindku pprezenta ghal attenzjoni tal-Kunsilliera prezenti Memo 106/2010 mahruga mid-Dipartiment tal-kunsilli Lokali dwar nuqqasijiet mill-Kunsilli Lokali ghal attenzjoni taghhom.

2.8 Ittra mil-Onor. George Pullicino, Minsitru ghar-Rizorsi u l-affarijiet Rurali, fejn talab lil Kunsill jinnomina persuna biex tirraprezenta lil Kunsill Lokali tal-Birgu fil-kumitat ghar-rijabilitazzjoni tal-Kottonera ghal perjodu ta' sena. Wara diskussjoni, gie deciz li l-Kunsill jinnomina lis-Sindku s-sur John Boxall, bil-Vici Sindku,s-sur Christopher Cassar bhala sostitut. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.9 Ittra sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jinnomina persuna ghal Premju Anzjan tas-Sena 2010. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jinnomina lis-sur Joe Brown, wild il-Belt tal-Birgu, persuna maghrufa sew fil-qasam tal-volontarjat. Il-Kunsilliera Judith Saliba ssekondat din il-proposta u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.10 Is-Sindku pprezenta ittra mibghuta lil President tal-*Walled Towns Friendship Circle* is-Sur Peter van Roosmalen, li giet mibghuta bi ftehim mil-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta u l-Kunsill Lokali tal-Birgu, fejn flimkien talbu u ppoponew sabiex il-Kunsill Lokali ta' l-Imdina tkun membri attiv f'din l-assocjazzjoni.

## 3. <u>Presentazzjoni tal-Management Letter u r-risposta tal-Kunsill Lokali tal-Birgu</u>

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, pprezenta kopja tal-management letter li giet ippreparata mil-awdituri tal-Kunsill Lokali tal-Birgu, l-kumpanija 3A accountants, kif ukoll r-risposta min-naha tal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Is-Segretarja Ezekuttiva tat spjegazzjoni tar-risposta ppreparata u wara diskussjoni, s-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 4. <u>Jum il-Birgu, 2010</u>

Il-Kunsilliera prezenti ddiskuttew l-andament tac-celebrazzjonijiet inkonessjoni ma' Jum il-Birgu, 2010, fejn il-quddiesa ser issir nhar is-Sibt 4 ta' Settembru, 2010, fi 6 :15 ta' filghaxija fil-Knisja tal-Lunzjata l-Birgu, fl-okazzjoni tal-50 sena mill-ftuh u l-konsagrazzjoni tal-Knisja l-gdida tal-Lunzjata l-Birgu. Wara issir riceviment fil-Palazz ta' l-Inkwizitur fejn jinghata l-Premju « Gieh Jum il-Birgu » fejn barra min hekk , ser ikun hemm kuncert mil-gruppi barranin tal-Belt ta' Ravenna fl-Italja u l-Belt ta' Mertola fil-Portugal, bhala parti mil-progett Oralities.

## 5. <u>Premju « Gieh Jum il-Birgu »</u>

Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew l-*issue* tal-Premju « Gieh Jum il-Birgu, 2010», liema premju ser jigi mghoti nhar is-Sibt 4 ta' Settembru, 2010. Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti bin-nominazzjonijiet li l-Kunsill kien ircieva. Is-Sindku min-naha tieghu nnomina zewgt persuni, lis-Sur Lawrence Mizzi u lis-Sur Joseph c. Azzopardi. Wara diskussjoni, s-Sindku

ppropona li ghal dan il-premju ghal din is-sena ghandu jkun is-Sur Joseph C. Azzopardi fejn gie ssekondat mis-sur Christopher Cassar u approvat unaniment mil-Kunsilliera prezenti.

## 6. Xoghlijiet fil-Berga ta' Franza

Is-Sindku tah rendikont tax-xoghlijiet li qeghdin isiru fil-Berga ta' Franza. Hawnhekk, is-Sindku pprezenta *artistic impression* tas-sala ta' fuq ta' din il-binja storika, ghal approvazzjoni tal-Kunsilliera prezenti, li giet ippreparata mil-Eng. Renzo Curmi, l-*engineer* responsabli min dan il-progett, fejn dak propost gie approvat unanimament mil-Kunsilliera prezenti.

## 7. Progetti approvati min programmi ffinanzjati mil-Unjoni Ewropea.

Is-Sindku, tah rendikont tal-progetti approvatti min programmi ffinanzjati mil-Unjoni Ewropea u tal-laqghat li l-Kunsill irid jippartecipa fihom inkonessjoni ma' dawn il-progetti. Dawn jinkludu. Il-partecipazzjoni tal-Kunsill fil-konferenza tal-"Walled Town Friendship Circle, bejn is-17 u d-19 ta' Settembru, 2010 gewwa d-Danimarka, il-partecipazzjoni tal-Kunsill fil-konferenza tal-progett iffinanzjat mil-Unjoni Ewropea, l-progett "Secret" bejn is-16 u d-19 ta' Settembru, 2010 gewwa Riga fil-Latvia, il-partecipazzjoni tal-Kunsill fit-tnehdiha tal-progett "Sea to Land" bejn il-25 u t-28 ta' Settembru, f'Seville gewwa Spanja, il-partecipazzjoni tal-Kunsill fil-konferenza generali annwali ta' l-Assocjazzjoni AVEC bejn l-14 u s-17 t'Ottubru, gewwa Osijek fil-Kroazja u l-konferenza inkonessjoni mal-progett "Qualicities" gewwa Brussel fil-Belgjum fil-25 t'Ottubru, 2010. Barra min hekk il-Kunsill Lokali tal-Birgu irid jippartecipa fil-programmi cirkwiti u festivals inkonessjoni mal-Progett iffinanzjat mil-Unjoni Ewropea, l-progett "Oralities" li jinkludu, l-partecipazzjoni gewwa Sliven fil-Bulgarija, fi 13 t'Ottubru, 2010, il-partecipazzjoni gewwa Ourense fi Spanja bejn l-10 u t-13 ta' Novembru u l-partecipazzjoni gewwa Evora, Idanha-a-Nova u Mertola fil-Portugal bejn l-25 u s-27 ta' Novembru, 2010, kif ukoll l-partecipazzjoni fil-konferenza generali bejn l-10 u t-13 ta' Novembru, 2010 gewwa Ourense, fi Spanja.

Il-laqgha ntemmet fil-8:20 ta' filghaxija u gie deciz li l-laqgha li jmiss ser issir nhar l-Hamis 9 ta' Settembru, 2010 fil-5 :30 ta' filghaxija

| | |
|---|---|
| Christine Bonello | ikkonfermati John Boxall |
| Segretarja Ezekuttiva | Sindku |